VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,626, 23 ta' Awwissu, 2016
Taqsima B

A.L. 288 tal-2016

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti tal-2016 li jemmendaw r-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawn iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 128.01

(2) Dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista', b'Avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partiti 2 sa 8B tagħha għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"	euro
2. Għax-xiri ta' kull arma li tinħtieġ liċenza u biex tinżamm matul is-sena li fiha tkun inxtrat	17
3. (a) Liċenza ta' Negozjant tal-Armi: biex wieħed ikollu jedd jimporta, jakkwista, iżomm u jneħħi armi regolari u munizzjon fis-sena skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Armi	120
(b) Biex wieħed jagħmilha ta' sostitut jew apprendist f'negozju tal-armi, munizzjon, armi proprji, fis-sena	60
(ċ) Liċenza ta' Fabbrikant tal-Armi, fis-sena	120
(d) Liċenza ta' *Film Armourer*, fis-sena	120
4. (a) Liċenza A ta' Sparatur fuq *Targets*, fis-sena	10
(b) Liċenza B ta' Sparatur fuq *Targets*, fis-sena	10
5. (a) Liċenza ta' Kollettur A, fis-sena	20
(b) Liċenza ta' Kollettur B, fis-sena	20
6. (a) Liċenza għall-kaċċa fuq l-art (barra mill-kaċċa tal-fenek selvaġġ), fis-sena	30

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) Liċenza għall-kaċċa minn fuq opra tal-baħar, tliet kilometri barra mill-kosta, fis-sena 70

(ċ) Liċenza għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ, fis-sena ... 12

7. (a) Biex jinżammu postijiet (*shooting ranges*) fejn isiru attivitajiet ta' sparar fuq *target* b'armi liċenzjati, fis-sena 120

(b) Biex jinżammu attivitajiet ta' sparar fuq *target* bl-armi tal-arja f'*mobile shooting galleries*, kull ġurnata 70

(ċ) Biex isiru attivitajiet ta' sparar fuq *target*, f'postijiet mhux liċenzjati bħala *shooting range*, kull ġurnata 10

8. Biex wieħed jagħmilha ta' *range officer* waqt eżercizzji ta' sparar b'armi, fis-sena 12

";

(b) il-partiti 20 u 20A tagħha għandhom jiġu mħassra; u

(ċ) fil-partita 21 tagħha, minnufih ċ-ċifra "2.80" għandhom jiżdiedu l-kliem "u kwalunkwe ħlas addizzjonali ta' posta".